

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

918/25

11/11/2025

## **Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi terzi fir-rigward ta' miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova**

Fis-27 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2211<sup>1</sup>.

Dik id-Deċiżjoni estendiet il-miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova sal-31 ta' Ottubru 2026.

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, in-Norveġja, is-Serbja u l-Ukrajna jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huma ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota ta' dan l-impenn u tilqgħu b'sodisfazzjon.

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2025/2211, 28.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2211/oj>